

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Novembru 2018 – Chioreanu vs ERCEA(Kawża T-717/17) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament — ERCEA — Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ‘Orizzont 2020’ — Deċiżjoni ta’ ċaħda tat-talba għal reviżjoni ta’ evalwazzjoni tal-proposta ta’ riċerka — Azzjoni amministrattiva quddiem il-Kummissjoni — Ċaħda tal-azzjoni amministrattiva — Identifikazzjoni żbaljata tal-konvenut — Talba għal ordni — Inammissibbiltà manifesta”)

(2019/C 44/84)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Partijiet

Rikorrent: Nicolae Chioreanu (Oradea, ir-Rumanija) (rappreżentant: D.-C. Rusu, avukat)

Konvenuta: L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (rappreżentanti: F. Sgritta u M. E. Chacón Mohedano, aġenti)

Suġġett

L-ewwel nett, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, minn naħa, tad-deċiżjoni tal-ERCEA, tat-23 ta' Marzu 2017, li tiċħad it-talba għar-reviżjoni tal-evalwazzjoni tal-proposta ta' riċerka Nru 741797-NIP, ERC-2016-ADG “New and Innovative Powertrain – NIP” u, min-naħa l-oħra, tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 5190 final tas-27 ta' Lulju 2017 li tiċħad l-azzjoni amministrattiva mressqa mir-rikorrent skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 235), u, it-tieni nett, talba intiża sabiex il-Qorti Ġenerali tordna lill-ERCEA li tirrevedi l-evalwazzjoni tal-proposta ta' riċerka msemmija iktar 'il fuq.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Nicolae Chioreanu huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 13, 15.1.2018.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Novembru 2018 – GMPO vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-733/17 R)

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem — Sustanza attiva tetrakloridrat ta' trientina — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tikklassifikax il-prodott mediċinali Cuprior-trientina bħala prodott mediċinali orfni — Regolament (KE) Nru 141/2000 — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta' urġenza”)

(2019/C 44/85)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: GMP-Orphan (GMPO) (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: M. Demetriou, QC, E. Mackenzie, barrister, L. Tsang, u J. Mulryne, solicitors)